



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.4.2019
COM(2019) 191 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**It-tielet rapport li jivvaluta l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar it-titjib tas-sigurtà fil-
portijiet**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

It-tielet rapport li jivvaluta l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet

1. INTRODUZZJONI

L-oġġettiv ewlieni tad-Direttiva 2005/65/KE¹ dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet (“id-Direttiva”) kien li jiġu kkumplimentati l-miżuri adottati fl-2004 permezz tar-Regolament (KE) Nru 725/2004² dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet (“ir-Regolament”).

Il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dak ir-Regolament kien limitat għall-miżuri ta’ sigurtà abbord il-bastimenti u l-interfaċċa diretta bejn il-bastimenti u l-portijiet. Bħala prijorità, l-Istati Membri ntrabtu b’dawn l-obbligi li essenzjalment jirriżultaw mill-kodiċi ISPS (International Ship and Port facility Security), qabel ma aċċettaw li jimplimentaw obbligi ulterjuri bħala parti mill-adozzjoni tad-Direttiva. Id-Direttiva tikkumplimenta l-mekkaniżmu previst billi tistabbilixxi sistema ta’ sigurtà għaż-żona kollha tal-port, sabiex tiżgura livell għoli u ugwali ta’ sigurtà għall-portijiet kollha Ewropej li jaqdu servizzi diretti tat-tbaħħir³.

Aktar minn 1 200 port marittimu kummerċjali joperaw fuq il-medda ta’ 70 000 km ta’ kosta tal-Unjoni Ewropea, li huwa wieħed mill-aktar reġjuni fid-dinja li għandu portijiet. Madwar elf minn dawn il-portijiet (ara l-punt 6.1) jaqgħu taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva, jiġifieri l-portijiet kollha li għandhom faċilità portwarja waħda jew aktar li huma s-suġġett ta’ pjan ta’ sigurtà approvat skont ir-Regolament.

L-għan tad-Direttiva huwa li ttejjeb il-koordinazzjoni tas-sigurtà fiż-żoni tal-portijiet li mhumienx koperti bir-Regolament u li tiżgura li t-titjib tas-sigurtà fil-portijiet jista’ jappoġġja l-miżuri ta’ sigurtà skont ir-Regolament. Filwaqt li r-responsabbiltà tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta’ sigurtà fil-livell tal-faċilitajiet portwarji essenzjalment hi tal-operatur tal-faċilità portwarja⁴, bħala prijorità, il-miżuri ta’ sigurtà xierqa fil-livell tal-port huma responsabbli minnhom l-awtorità tal-port⁵ u l-awtoritajiet responsabbli miż-żamma tal-ordni pubblika, mis-sikurezza u mill-miżuri ta’ sigurtà ġewwa ż-żona tal-port (kemm f’żoni pubbliki kif ukoll f’żoni operazzjonali).

L-Artikolu 19 tad-Direttiva jistabbilixxi li l-Kummissjoni għandha tivvaluta l-konformità mad-Direttiva u l-effettività tal-miżuri meħuda sal-15 ta’ Diċembru 2008 u kull ħames snin wara dik id-data.

¹ Id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet – ĠU L 310, 25.11.2005, p. 2

² Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta’ Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet - ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6

³ Barra minn hekk, l-Awtorità ta’ sorveljanza tal-EFTA tiżgura li l-Iżlanda u n-Norveġja josservaw l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mill-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

⁴ Fil-maġġoranza tal-każijiet, l-operaturi tal-faċilitajiet portwarji jkunu operaturi privati.

⁵ L-awtorità tas-sigurtà tal-portijiet tinħatar mill-Istat Membru skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva.

L-ewwel rapport ġie adottat fl-20 ta' Jannar 2009, u t-tieni fit-18 ta' Novembru 2013⁶. Dan it-tielet rapport dwar il-progress f'termini tal-implimentazzjoni tad-Direttiva jiddeskrivi l-miżuri li ttieħdu sabiex tiġi promossa l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà fil-portijiet standardizzati fl-Unjoni kollha, il-progress li jkun sar matul l-aktar perjodu ta' referenza ta' ħames snin riċenti u l-problemi kontinwi li jkunu rriżultaw matul il-perjodu ta' implimentazzjoni.

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq:

- l-iskambji ta' informazzjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli mis-sigurtà marittima u partijiet ikkonċernati oħra;
- ir-riżultati tan-numru kbir ta' spezzjonijiet tas-sigurtà fil-portijiet imwettqa mill-Kummissjoni għall-monitoraġġ ta' din id-Direttiva matul il-perjodu ta' referenza;
- id-djalogu kontinwu bejn l-awtoritajiet nazzjonali u d-diversi atturi mis-settur marittimu u tal-portijiet.

Ir-rapport jiġbed l-attenzjoni lejn diversi diffikultajiet li ġew identifikati b'rabta mal-ksib tal-eżiti mixtieqa iżda anke f'termini tal-impatt globali tal-implimentazzjoni tad-Direttiva.

2. IL-KONKLUŻJONIJIET TAL-EWWEL U TAT-TIENI RAPPORT

L-ewwel rapport saħaq fuq il-fatt li, għalkemm id-Direttiva ġiet adottata fl-ewwel qari u ġiet approvata minn maġġoranza kbira fil-Parlament Ewropew u b'mod unanimu fil-Kunsill, fil-maġġoranza tal-Istati Membri involuti kien hemm dewmien sinifikanti f'termini tat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet. Dan wassal għall-ftuħ ta' proċeduri ta' ksur, li tnejn minnhom irriżultaw f'sentenza dwar in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi⁷.

Fi tmiem dan il-perjodu ta' valutazzjoni, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva ġew finalment trasposti fil-liġi nazzjonali tal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Madankollu, l-applikazzjoni Prattika tagħhom għadha tiffaċċja diffikultajiet f'termini tal-iżgurar tal-implimentazzjoni f'termini prattiċi fil-livell tal-portijiet, minħabba li l-amministrazzjonijiet lokali ma kellhomx ir-riżorsi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni Prattika tad-Direttiva. Id-diffikultà ewlenija għandha x'taqsam mad-definizzjoni tal-perimetru tal-port mil-lat ta' sigurtà.

It-tieni rapport wera progress sinifikanti iżda l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva xorta kien hemm bżonn li jiġu mtejbja fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Il-livell ta' sigurtà fil-portijiet Ewropej żdied u permezz tal-kombinament tal-implimentazzjoni tar-Regolament u l-applikazzjoni tad-Direttiva seta' jinholq qafas kredibbli għall-prevenzjoni ta' ksur ta' sigurtà fil-portijiet u għall-ksib ta' protezzjoni adegwata għall-attivitajiet marittimi u tal-port. L-introduzzjoni ta' miżura ta' sigurtà spiss wasslet għal eżami mill-ġdid tal-organizzazzjoni tal-portijiet, bħal pereżempju l-

⁶ COM(2009)2 final u COM(2013)792 final

⁷ Il-Kawża C-464/08 il-Kummissjoni vs l-Estonja, it-3 ta' Settembru 2009 u l-Kawża C-527/08 il-Kummissjoni vs ir-Renju Unit, it-3 ta' Settembru 2009.

moviment u l-ħżin ta' merkanzija, il-kontroll tal-aċċess għal żoni differenti tal-portijiet jew definizzjoni taż-żoni ristretti. Dawn il-miżuri kienu importanti ħafna biex l-attivitajiet tal-portijiet isiru aktar effiċjenti, f'ambjent tassew kompetittiv.

3. IL-MIŻURI TA' APPOĠĠ U TA' MONITORAĠĠ MILL-PERJODU TA' EVALWAZZJONI PREĊEDENTI

Id-Direttiva – f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà – tistipula li jenħtieġ li l-Istati Membri nfushom jistabbilixxu l-fruntieri ta' kull port, filwaqt li jħallu l-portijiet liberi biex jiddeċiedu jekk jenħtieġx li japplikaw ukoll għal żoni kontigwi. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-valutazzjonijiet u l-pjanijiet ta' sigurtà fil-portijiet jitfasslu sew. Madankollu, fl-2014, għadd sinifikanti ta' portijiet kienu għadhom ma jistgħux jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva.

Matul il-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2018, il-Kummissjoni għalhekk kompliet bl-impenn tagħha li tiżgura implimentazzjoni aktar effettiva tad-Direttiva. Il-miżuri li ħadet il-Kummissjoni ħadu l-forma ta' inizjattivi ta' għajjnuna għall-Istati Membri flimkien ma' programm robust ta' attivitajiet ta' monitoraġġ skjerati permezz ta' għadd kbir ta' spezzjonijiet.

L-implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/65/KE ġiet immonitorjata fil-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2018 permezz ta':

- 17-il spezzjoni ta' amministrazzjonijiet nazzjonali;
- 41 spezzjoni tal-portijiet.

Dawn il-miżuri ffukaw fuq l-oqsma ewlenin li ġejjin:

- iż-żamma ta' sistema ta' rapportar regolari dwar il-prestazzjoni u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni mill-Istati Membri sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni Prattika tad-Direttiva;
- il-prestazzjoni tat-58 spezzjoni msemmija hawn fuq għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-Direttiva skont ir-Regolament (KE) Nru 324/2008⁸, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/462; il-ġbir u d-disseminazzjoni tal-aħjar Prattiki fi ħdan il-Kumitat MARSEC;

⁸ ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru°324/2008 tad-9 ta' April 2008 li jistabbilixxi proċeduri riveduti għal spezzjonijiet mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurtà marittima, ĠU L 98, 10.4.2008, p. 5.

4. MONITORAĠĠ TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA

4.1. Monitoraġġ tal-pjanijiet ta' azzjoni għat-tlestija tal-implimentazzjoni Prattika tad-Direttiva

Mill-2009, il-Kummissjoni applikat sistema li tippermettilha tirċievi b'mod regolari l-informazzjoni tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva. Sar djalogu regolari mal-awtoritajiet tal-Istati Membri bl-għan li tinkiseb informazzjoni regolari u affidabbli dwar il-punt sa fejn twettqu l-valutazzjonijiet u dwar il-pjanijiet tas-sigurtà tal-portijiet li ġew adottati. Barra minn hekk, rapporti ta' monitoraġġ annwali tal-Istati Membri li ġew ippreżentati lill-Kummissjoni huma l-bażi għall-monitoraġġ tal-istatus tal-valutazzjonijiet u tal-pjanijiet tas-sigurtà fil-portijiet mis-servizzi tal-Kummissjoni.

4.2. Twettiq tal-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-Direttiva

Il-proċeduri għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-Direttiva twettqu waqt spezzjonijiet li saru mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 324/2008, kif emendat.

L-ispezzjonijiet imwettqa, kemm fir-rigward ta' amministrazzjonijiet nazzjonali kif ukoll ta' spezzjonijiet diretti ta' kampjun ta' portijiet, urew li għalkemm il-qafas legali ġenerali tal-implimentazzjoni tad-Direttiva ġie applikat b'mod korrett, għad hemm serje ta' kwistjonijiet komuni rikorrenti fir-rigward tal-implimentazzjoni xierqa fil-livell tal-portijiet tal-Istati Membri, kif ġej.

Id-diskrepanza bejn l-oġettiv tat-titjib tal-koordinazzjoni tas-sigurtà fil-portijiet fost l-awtoritajiet lokali, l-operaturi tal-portijiet u l-korpi tal-infurzar tal-liġi pubblika u r-riżultati li baqgħu imperfetti li fil-fatt ġew irrappurtati għadhom hemm, anke jekk matul l-aħħar snin kien hemm titjib sinifikanti.

Id-definizzjoni tal-fruntieri portwarji għall-finijiet ta' sigurtà għadha kwistjoni għal ċerti Stati Membri, u dan minkejja l-assistenza tal-Kummissjoni, inklużi żewġ seminars f'Settembru 2006 u f'Ottubru 2010 u l-istudju dwar l-aspetti tekniċi tas-sigurtà fiż-żoni portwarji (TAPS II) li ġew assenjati liċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC Ispra). TAPS II jagħti linji gwida ċari dwar kif wieħed għandu jipproċedi fir-rigward tad-definizzjoni tal-fruntieri tas-sigurtà fil-portijiet li hija bażi biex tiġi stabbilita l-firxa tal-miżuri tal-pjan tas-sigurtà fil-portijiet definiti fl-Anness II ta' din id-Direttiva.

Kwistjoni oħra essenzjali tikkonċerna r-reviżjoni tal-valutazzjonijiet tas-sigurtà fil-portijiet u tal-pjanijiet tas-sigurtà tal-portijiet. Skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valutazzjonijiet tas-sigurtà tal-portijiet u l-pjanijiet tas-sigurtà tal-portijiet jiġu riveduti kif xieraq, u jiġu riveduti tal-anqas darba kull ħames snin. L-ispezzjonijiet urew li din ir-reviżjoni regolari ta' kull ħames snin għadha ma ssirx kullimkien. Il-bidliet jew is-supressjonijiet rigward il-faċilitajiet portwarji ma wasslux għal reviżjoni tal-valutazzjonijiet tas-sigurtà fil-portijiet u tal-pjanijiet tas-sigurtà tal-portijiet u f'diversi każijiet l-iskadenza ta' 5 snin ma ġietx osservata.

Barra minn hekk, l-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni fil-portijiet tal-Istati Membri żvelaw id-diffikultajiet li xi portijiet jesperjenzaw fit-tnedija tal-proċess ta' reviżjoni ta' ħames snin tal-valutazzjonijiet u tal-pjanijiet ta' sigurtà fil-portijiet. Dawn b'mod partikolari jinkludu l-ġhadd kbir ta' awtoritajiet u atturi involuti fir-reviżjoni u dwar il-proċess ta' approvazzjoni li jrid jiġi skedat ferm qabel id-data tal-anniversarju ta' ħames snin.

Barra minn hekk, xi Stati Membri xorta ma żgurawx superviżjoni adegwata tal-pjanijiet tas-sigurtà tal-portijiet u l-implimentazzjoni tagħhom kif mitlub skont l-Artikolu 13.1 permezz ta' sistema regolari ta' monitoraġġ u ta' spezzjonijiet flimkien mal-ispezzjonijiet meħtieġa fil-faċilitajiet portwarji f'kull port kif previst fl-Artikolu 9.4 tar-Regolament (KE) Nru 725/2004.

Nuqqasijiet oħra huma relatati mat-teħid inkusiderazzjoni tar-rekwiżiti kollha meta tiġi stabbilita l-valutazzjoni tas-sigurtà fil-portijiet jew id-diskrepanzi bejn il-valutazzjonijiet tas-sigurtà fil-portijiet u l-pjanijiet tas-sigurtà tal-portijiet.

4.3. Proċeduri ta' ksur

It-tnaqqis fin-numru ta' proċeduri ta' ksur mibdija huwa wkoll indikatur tat-titjib sinifikanti tal-implimentazzjoni tad-Direttiva.

Kif issemma fit-tieni rapport, bejn l-2009 u l-2013 kellhom jinb dew ħames proċeduri ta' ksur; tliet każijiet kienu relatati ma' dewmien fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva fil-livell tal-Istati Membri u żewġ każijiet oħra kienu relatati mal-implimentazzjoni skorretta żvelata matul l-ispezzjonijiet.

Bejn l-2014 u l-2018, kien hemm proċedura ta' ksur waħda biss, u dan minħabba l-implimentazzjoni skorretta tad-Direttiva: Fis-6 ta' April 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja tat is-sentenza tagħha dwar il-Kawża C-58/16. Għal serje ta' portijiet l-Art Ġermaniża tat-Tramuntana tar-Rhine-Westphalia naqset milli tiddefinixxi l-fruntieri, tapprova l-valutazzjonijiet u l-pjanijiet ta' sigurtà fil-portijiet u taħtar uffiċjali ta' sigurtà fil-portijiet ġodda. Fil-bidu tal-2018, il-Ġermanja kkonfermat li l-portijiet kollha fit-Tramuntana tar-Rhine-Westphalia issa kienu konformi mad-dispożizzjoni tad-Direttiva u li l-Ġermanja tikkonforma mas-sentenza tal-Qorti.

5. PUNTI SPEĊIFIĊI LI JIRRIŻULTAW MILL-VALUTAZZJONIJIET

5.1. Id-daqs kritiku tal-portijiet soġġetti għar-rekwiżiti tal-implimentazzjoni Prattika tad-Direttiva

Matul diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, l-opinjoni spiss espressa kienet li d-Direttiva b'mod ġenerali hija mfassla sew għal portijiet kbar b'attività kummerċjali kbira iżda li dik l-implimentazzjoni hija aktar diffiċli għal portijiet żgħar.

Ta' min jinnota li d-Direttiva tapplika għall-portijiet kollha li jinsabu fi Stati Membri li għandhom faċilità portwarja waħda jew aktar koperta minn pjan ta' sigurtà tal-faċilitajiet portwarji approvat mir-Regolament (KE) Nru 725/2004 (Artikolu 2(2)) u wkoll li l-Istati Membri huma meħtieġa jiżguraw li l-miżuri ta' sigurtà fil-portijiet jkunu kkoordinati mill-qrib mal-miżuri meħuda fl-applikazzjoni tar-Regolament (Artikoli 4 u 7). Id-Direttiva tistipula li l-Istati Membri nfushom jenħtieġ li jistabbilixxu l-fruntieri ta' kull port individwali u tippermettilhom diskrezzjoni li jiddeċiedu jekk japplikawx id-Direttiva għal żoni portwarji kontingwi jekk dawn ikollhom impatt fuq is-sigurtà tat-tali port.

Għaldaqstant, sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni bbilanċjata tal-miżuri utli skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-koleġiżlaturi hađu l-possibbiltà u l-alternattiva previsti fl-Artikolu 2(4) li jekk il-fruntieri ta' faċilità portwarja fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 ikunu ġew definiti li jkopru l-port kollu b'mod effettiv, id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament għandhom jieħdu preċedenza fuq id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

Din id-dispożizzjoni intużat ħafna mill-Istati Membri f'portijiet b'faċilità portwarja waħda skont ir-Regolament. Abbażi tal-valutazzjoni tas-sigurtà fil-portijiet, il-fruntieri portwarji ħafna drabi (iżda mhux dejjem) kienu definiti bħala daww tal-faċilità portwarja. Għalhekk mill-1087 port li fihom faċilità portwarja waħda jew diversi faċilitajiet portwarji koperta/i minn pjan ta' sigurtà tal-faċilità portwarja approvat skont ir-Regolament, 405 portijiet tqiesu bħala li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(4) tad-Direttiva, jiġifieri 37.2 % tal-portijiet fl-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, din kienet is-sitwazzjoni fl-Istati Membri b'portijiet żgħar imxerrdin ma' tul il-kosti, jew fi gzejjer⁹.

5.2. Għarfien tat-theddida u sensibilizzazzjoni fost l-atturi

Il-ħidma mwettqa matul il-valutazzjonijiet tippermetti li jiġu identifikati l-assi u l-infrastrutturi li jeħtieġ li jiġu mħarsa kontra t-theddid u r-riskji ta' azzjoni illegali intenzjonali li jiffaċċjaw l-attivitajiet tal-port. Il-fażi li jmiss tinvolvi t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri xierqa li jistgħu jintużaw biex jiġi kkonfrontat it-theddid, f'kull wieħed mit-tliet livelli ta' riskju identifikati (riskju normali, riskju akbar, riskju għoli), bi proċeduri speċifiċi u bl-użu ta' tagħmir tekniku mfassal għall-ħtiġijiet tal-portijiet u li jagħmilha possibbli li jiġi pprovdut rispons xieraq għall-vulnerabbiltà potenzjali tal-infrastruttura.

Id-Direttiva għamlitha possibbli li jitwaqqfu kumitati għas-sigurtà fil-portijiet responsabbli mill-ġhoti ta' pariri prattiċi (id-9 premessa). Fl-Istati Membri b'din it-tip ta' struttura, dan ġeneralment jikkonsisti f'rappreżentanti lokali mill-korpi responsabbli mis-sigurtà (pulizija, gwardakosta, l-affarijiet marittimi, id-dwana, eċċ.) u anke fil-biċċa l-kbira tal-każijiet operaturi privati li jaġixxu fil-port. Dan jipprovdni forum xieraq għall-iskambju essenzjali ta' informazzjoni u forum għad-disseminazzjoni tal-għarfien dwar it-theddid, biex b'hekk tiġi promossa s-sensibilizzazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati kollha.

⁹ Il-portijiet b'faċilità portwarja waħda jirrappreżentaw parti importanti mill-portijiet tal-Finlandja (65/78, jew 83 %), tal-Iżvezja (131/162, jew 81 %), tal-Greċja (82/119, jew 69 %), tar-Renju Unit (119/175, jew 68 %) u tad-Danimarka (51/82, jew 62 %).

Iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni tal-protezzjoni tal-portijiet tiffirma parti mill-politika ta' sigurtà ġenerali, li l-persunal kollu impjegat fil-port (jiġifieri l-persunal ta' impriżi portwarji iżda wkoll persuni impjegati minn kumpaniji esterni involuti fl-attivitajiet tal-portijiet) u d-diversi utenti tal-portijiet jeħtieġ li jkunu konxji minnhom. L-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni jipprovdu għodod ewlenin biex tiġi żgurata d-disseminazzjoni effettiva u modi xierqa ta' sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-miżuri ta' sigurtà. Huwa importanti li l-miżuri ta' sigurtà jiġi perċepiti bħala mezz biex jiġu mħeġġa u żviluppati l-attivitajiet ekonomiċi ta' port.

5.3. Spezzjonijiet u sorveljanza tal-pjanijiet tas-sigurtà tal-portijiet

Skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva, l-Istati Membri għandhom iwettqu spezzjonijiet b'tali mod li jkunu jistgħu jissorveljaw sew u b'mod regolari l-pjanijiet tas-sigurtà tal-portijiet u l-implimentazzjoni tagħhom. Din hija kwistjoni kruċjali li għadha ma titwettaqx b'mod adegwat fl-Istati Membri kollha, l-aktar minħabba d-diskrepanza bejn l-oġettivi stabbiliti u r-riżorsi meħtieġa biex jitwettqu tali verifiki.

Kull Stat Membru żviluppa s-sistema ta' monitoraġġ tiegħu skont l-organizzazzjoni interna tiegħu stess u r-riżorsi umani disponibbli. Dan ir-rwol ta' monitoraġġ ġie deċentralizzat lill-gvernijiet ċentrali jew lokali, jew lil timijiet bi skopijiet multipli li jikkombinaw diversi korpi amministrattivi (id-Dipartiment tat-trasport, il-pulizija, id-dwana, il-kaptaneriji tal-port, eċċ.). L-awditi ġew iddisinjati biex jivverifikaw jekk il-pjanijiet ikkonformawx mar-regoli u mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Anness II tad-Direttiva, jekk ir-realtà tal-miżuri ta' sigurtà implimentati fil-portijiet issodisfatx ir-rekwiżiti tal-pjan u jekk il-miżuri ġewx implimentati b'mod korrett.

Dawn il-kompiti jsiru skont programm ta' ħidma approvat fuq bażi regolari. Meta jinstab nuqqas, issir proposta bil-għan li n-nuqqas jissolva. Abbażi tar-rapport mibgħut lill-amministrazzjoni kompetenti, tista' tintalab valutazzjoni tas-sigurtà fil-portijiet ġdida jew aġġornata. Suġġetti importanti ta' tħassib għall-ispetturi hija l-verifika tal-eżistenza tal-koordinazzjoni bejn il-miżuri li jkunu ttieħdu fil-livell tal-faċilitajiet portwarji u dawk previsti fil-livell tal-port. Il-monitoraġġ tal-miżuri kollettivi jitwettaq permezz ta' awditi regolari.

Ir-rapporti, kemm tal-awdituri nazzjonali kif ukoll dawk tal-ispetturi tal-Kummissjoni, iservu ta' bażi għall-awtoritajiet nazzjonali biex jipprovdu pariri u assistenza lill-awtoritajiet kompetenti fil-portijiet, bil-għan li jiġu rettifikati n-nuqqasijiet identifikati. Din il-prattika jenħtieġ li tiġi mħeġġa u estiża. Madankollu, kif ġie msemmi, xi Stati Membri għadhom ma jipprovdux b'mod sistematiku din il-verifika ta' konformità fuq bażi regolari u xierqa. Huwa importanti li r-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa għal dawn il-kompiti ta' monitoraġġ jiġu implimentati mill-aktar fis. Fil-futur dan il-punt se jingħata aktar attenzjoni; is-sistemi attwali għall-monitoraġġ tal-pjanijiet tas-sigurtà tal-portijiet f'għadd ta' Stati Membri għadhom jeħtieġu titjib.

6. KONKLUŻJONI

Il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/65/KE uriet li sar progress ulterjuri sinifikanti, iżda li l-miżuri ta' sigurtà meħtieġa biex id-dispozzizzjonijiet kollha tal-Anness I u II tad-Direttiva jġu implimentati bis-siġħ xorta għad iridu jġu mtejbja f'xi Stati Membri.

Il-livell ta' koordinazzjoni tas-sigurtà fost l-awtoritajiet lokali, l-operaturi tal-portijiet u l-korpi ta' infurzar tal-liġijiet kompli jżdied fil-portijiet Ewropej. Il-kombinament tal-implimentazzjoni tar-Regolament u tal-applikazzjoni tad-Direttiva ippermettiet il-ħolqien ta' qafas għall-prevenzjoni tal-ksur tas-sigurtà fil-portijiet u l-ksib ta' protezzjoni adegwata għall-bastimenti fil-portijiet u għall-attivitajiet kummerċjali portwarji. Għalkemm huwa diffiċli li jiġi evalwat l-impatt ta' dawn il-miżuri f'termini ta' ħolqien ta' deterrent għal atti terroristiċi, l-awtoritajiet tal-portijiet qablu li kien hemm impatt kbir f'termini ta' kuntrabandu, serq u atti malizzjużi, li tnaqqsu ħafna. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' miżuri ta' sigurtà spiss wasslet għal reviżjoni tal-organizzazzjoni tal-portijiet, bħal pereżempju l-moviment u l-ħżin ta' merkanzija, il-kontroll tal-aċċess għal żoni portwarji differenti jew definizzjoni ta' żoni ristretti ġewwa ż-żoni portwarji operazzjonali. Dawn il-miżuri wrew li huma importanti ħafna biex l-attivitajiet tal-port jsiru aktar effiċjenti f'termini tas-sigurtà u tal-protezzjoni ta' persuni, ta' merkanzija u ta' bastimenti fil-portijiet, f'ambjent kompetittiv ħafna.

In-numru kbir ta' spezzjonijiet ta' sigurtà tal-portijiet ikkontribwixxa wkoll b'mod sinifikanti għal dan il-livell għoli ta' sigurtà fil-portijiet; is-sejbiet jġu skambjati bejn l-Istati Membri permezz tal-Kumitat MARSEC filwaqt li jitrawwem l-iskambju tal-aħjar prattiki.

Kif imfakkar mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tat-23 ta' Mejju 2013 ("*Portijiet: magna għat-tkabbir*")¹⁰, l-Unjoni Ewropea tiddependi ħafna fuq il-portijiet marittimi għall-kummerċ mal-bqija tad-dinja u anke fi ħdan is-suq intern tagħha stess. Għaldaqstant, is-sigurtà tal-portijiet u l-approċċi tagħhom hija importanti biex tiġi żgurata s-sigurtà globali tat-trasport marittimu. Il-kundizzjonijiet tas-sigurtà fil-portijiet jeħtieġu livell għoli ta' viġilanza mill-Istati Membri, kif ukoll il-preparazzjoni tal-atturi kollha kkonċernati biex tiġi żgurata sigurtà għolja u komparabbli għall-portijiet Ewropej kollha. Għalhekk l-atturi kollha involuti jridu jkomplu jaħdmu biex itejbu b'mod kostanti l-prevenzjoni, il-protezzjoni u r-rispons sabiex jiġġieldu theddidiet ġodda. Għal dan il-għan, is-sistemi ta' sigurtà tal-faċilitajiet portwarji u dawk tal-portijiet iridu jikkumplimentaw lil xulxin bis-siġħ. L-iżgurar ta' relazzjonijiet effettivi bejn il-port, il-faċilitajiet portwarji tiegħu u l-bastimenti li jaqduhom, tibqa' sfida ewlenija għall-operaturi u għall-amministrazzjonijiet.

Il-kombinament ta' Regolament u Direttiva jikkostitwixxi l-element ewlieni fil-protezzjoni tal-portijiet tagħna u għalhekk ikkontribwixxi direttament għall-oġġettivi tal-Unjoni tas-Sigurtà. Id-Direttiva hija eżempju tajjeb dwar kif infrastruttura kumplessa eteroġenja tista' tiġi protetta permezz ta' valutazzjonijiet individwali u pjanijiet korrispondenti bbażati fuq approċċ komuni u permezz tat-trawwim tal-koordinazzjoni u l-komunikazzjoni fost numru kbir ta' partijiet ikkonċernati involuti. Il-preżentazzjoni ta' pjanijiet b'miżuri previsti għal tliet livelli

¹⁰ COM(2013)295 final

ta' sigurtà differenti tissodisfa l-ħtiġijiet tas-sigurtà u l-ħtiġijiet operazzjonali bi flessibilità sħiħa.

Il-Kummissjoni tqis li din is-sistema bħalissa qed tilħaq l-aspettattivi u li d-Direttiva 2005/65 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà fil-portijiet ma hemmx bżonn li tiġi emendata bħalissa.

Fix-xhur li ġejjin, l-Istati Membri għal darb'oħra se jeżaminaw mill-ġdid il-valutazzjoni u l-pjanijiet tas-sigurtà fil-portijiet skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tad-Direttiva, li jistabbilixxi li din ir-reviżjoni jenħtieġ li sseħħ tal-anqas kull ħames snin. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tqis li l-metodoloġija żviluppata fl-istudju TAPS II tista' tintuża meta jkun meħtieġ, sabiex jiġi definit mill-ġdid il-perimetru tal-portijiet, inkluż il-bżonn li l-pjan tal-ilma jitqies kif xieraq.

Barra minn hekk, il-pjan ta' hídma pluriennali tal-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni se jkompli jinkludi eżamijiet dettaljati tal-miżuri ta' sigurtà tal-portijiet. Pereżempju, il-proċeduri ta' implimentazzjoni u ta' applikazzjoni skont il-pjanijiet tas-sigurtà tal-portijiet li għandhom jiġu applikati għall-passiġġieri u għall-vetturi li għandhom jiġu mgħobbija fuq bastimenti RO-RO (li fin-natura tagħhom huma partikolarment vulnerabbli) se jkomplu jkunu s-suġġett ta' eżaminazzjoni u monitoraġġ ulterjuri mis-servizzi ta' spezzjoni tal-Kummissjoni. Bl-istess mod, fil-każ tas-servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali, l-approċċ tal-kontrolli fuq iż-żewġ naħat tar-rotta se jkompli sabiex jiġi vverifikat u żgurat li l-Istati Membri kkonċernati jkunu qed jikkooperaw fil-valutazzjonijiet tas-sigurtà tal-portijiet.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se tibqa' taħdem mal-Istati Membri biex ittejjeb l-implimentazzjoni tad-Direttiva, bil-għan komuni li tħares aħjar il-portijiet tal-UE għall-benefiċċju tal-utenti tal-portijiet, tal-utenti tal-mezzi tat-trasport, tal-ekonomija tat-trasport marittimu u tas-soċjetà kollha b'mod ġenerali. Se tkompli timmonitorja l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u tkompli tieħu azzjoni legali meta tqis li dan ikun meħtieġ.